MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2003

Numru. 173/2003

Il-Pulizija
(Spettur Morgan Azzopardi)
vs
Adrian Axiak

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Adrian Axiak, detentur tal-karta tal-identita Nru 443979(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli bejn it-28 ta' Jannar 2002 u l-21 ta' Settembru 2002, f'Malta xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, u cioe' stereo tal-ghamla Panasonic, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghu jew imexxih;

U aktar talli kiser sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr M. Hayman) datata 20 ta' Awissu, 2002, liema sentenza giet deciza u finalizzata;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tat-23 ta’ Lulju, 2003.

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza dwar il-piena;

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat fuq imsemmi waqt l-investigazzjoni ikkopera mal-pulizija u ammetta illi effettivament huwa kien xtara stereo tal-ghamla Panasonic illi x’aktarx kien misruq u dana f’Marzu jew April tas-sena 2002. L-istereo kien xtrah ghas-somma ta’ hamsin lira u skond hu xtrah ghaliex kien “worth it”. Il-Qorti, fuq ammissjoni tal-istess imputat, wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kap. 9, issib lill-imputat hati tar-reat ta’ ricetazzjoni. Illi pero’ dwar it-tieni akkuza u cioe’ illi l-imputat kiser sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 20 ta’ Awissu, 2002, liema sentenza giet deciza u finalizzata l-Qorti sejra tillibera lill-imputat minn din l-akkuza stante illi irrizulta mill-ammissjoni tal-istess imputat, illi bl-ebda mod ma giet kontradetta mill-pulizija, illi huwa akkwista l-istereo in kwistjoni ferm qabel ma inghata din is-sentenza u ghaldaqstant ma irrizultax illi huwa ikkommetta r-reat ta’ ricettazzjoni matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza kif titlob il-Ligi u ghalhekk il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat minn din it-tieni imputazzjoni. Illi dwar l-ewwel imputazzjoni, illi taghha gie misjub hati l-imputat, u cioe’ dik ta’ ricettazzjoni, il-Qorti, ghall-finijiet ta’ piena, ikkunsidrat il-fatt illi l-imputat ikkopera mal-Prosekuzzjoni,

irregistra mal-ewwel ammissjoni biex b'hekk evita illi jghaddi l-kumpilazzjoni u ghaldaqstant il-Qorti tara illi piena karcerarja ma tkunx idoneja ghall-akkadut u li jkun ferm aktar ta' beneficcju kemm ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta' in generali jekk l-imputat jinghata opportunita ohra, l-ahhar opportunita sabiex jirriforma hajtu. Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tikkundanna lill-imputat ghall-multa ta' mitt lira. Il-Qorti tiddikjara illi sabiex waslet ghal din il-piena ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-oggett misruq gie rekuperat mill-pulizija u inghadda lid derubat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------